MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 371/2008

**A B**

**-vs-**

**C B D B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn din ippremettiet:

Illi l-attrici hija Maltija u l-konvenut zewgha huwa ta’ nazzjonalita’ barranija, *omissis (nazzjonalita’)* u ghandu l-familja tieghu kollha tirrisjedi *omissis (pajjiz).*

Illi l-partijiet ghaddejjin proceduri ta’ separazzjoni.

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt ibniet E B li twieldet fl-24 ta’ Dicembru 2002 u F B li twieldet fit-23 ta’ Gunju 2005 u dan kif jirrizulta mill-annessi estratti tac-

certifikat tat-twelid markati DOK EF1 u EF2 rispettivament.

Illi kif ghandu jirrizulta mill-provi li jinstemghu fil-kors ta' din il-kawza li l-imgieba u l-qaghda prezenti tal-konvenut zewgha huma tali li l-attrici ghandha ragunijiet fondati li tissuspetta li f'kaz li l-attur jithalla jsiefer mill-Gzejjer Maltin flimkien maz-zewg uliedu hawn fuq imsemmija huwa ma jirritornax lura Malta bit-tfal.

Illi fuq talba ta' l-attrici dina l-Qorti ordnat il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 208/08 AF li bih gie inibit u pprojbit is-safar tal-imsemmi minuri (Dok AF3).

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna u tiddikjara li t-tfal minuri E B u F B, fuq imsemmija, m'ghandhomx jittiehdu barra minn Malta mill-intimat konvenut u tikkonferma d-digriet taghha tal-10 ta' Settembru 2008 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 208/08 AF u tinibixxi definittivament lill-konvenut milli jiehu jew jippermetti lil xi hadd jiehu z-zewgt itfal minuri imsemmija E B u F B barra minn Malta.

2. Tordna li b'effett tal-eventwali sentenza ta' dina l-Qorti u sakemm l-istess tigi varjata bil-mod stabilit bil-ligi, l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi numru 208/08 AF, komprizi dawk l-ordnijiet moghtija bis-sahha tal-istess mandat lill-ufficjali imsemmija fil-Mandat, jibqghu definittivament fis-sehh.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 208/08 AF kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B D B fejn dan eccepixxa:

Mhux minnu li jekk il-konvenut jithalla jaghmel viziti il-*omissis (pajjiz)* flimkien maz-zewg uliedu biex jara lill-genituri tieghu, in-nanniet tal-minuri, u familjari ohra huwa

ghandu xi hsieb li ma jirritornax. Dan ghaliex huwa ghandu ghal qalbu l-ahjar trobbija ghal uliedu u konvint li f'Malta qed jircievu l-ahjar edukazzjoni.

Illi l-konvenut ilu ghal numru ta' snin sew jghix f'Malta fejn stabbilixxa x-xoghol permanenti tieghu.

Illi l-minuri ghandhom dritt jaraw lin-nanniet paterni taghhom kif ghandhom dritt jaraw lin-nanniet materni taghhom.

Illi sakemm l-attrici iddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali, il-familja kollha kienet regolarment titla' il-Libja u ghalhekk hemm relazzjoni tajba hafna bejn il-minuri u l-familjari taghhom gewwa l-*omissis (pajjiz)*.

Ghalhekk it-talba attrici illi "tinibixxi definittivament" lill-konvenut milli jiehu liz-zewg uliedu minuri barra minn Malta ma hiex fl-ahjar interess tal-minuri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-attidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza mizzewgin u genituri ta' zewgt itfal minuri E u F. Permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni mahrug minn din il-Qorti (Mandat Nru. 208/08), is-safar ta' dawn il-minuri gie mizmum.

Il-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, O' Flaherty vs Gambin (Cit. Nru. 1552/99) moghtija fit-18 ta' Mejju 2001 kif ukoll ghad-decizjoni tal-istess Qorti tat-13 ta' Lulju 2001 fl-ismijiet Caruana Dingli vs Caruana Dingli (Cit. Nru. 1503/99).

Fil-kaz in ezami l-oppozizzjoni tal-konvenut hija wahda biss ta' fatti. Fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tenuta zzomm

suprem l-interess tal-minuri. Minn dak li ghandha quddiemha l-Qorti f'din il-kawza, m'huwiex fl-interess tal-minuri li jithallew isiefru minn Malta f'dan l-istadju.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

L-ispejjez tal-kawza inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni 208/08 AF jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------